**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 8**
**Appell Nru: 128/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Neil Harrison )**

**Vs**

**MARZOUKI HACHEMI BEYA BENT ADBELLATIF**

**Illum, 22 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Marzouki Hachemi Beya Bent Abdellatif talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta'Novembru, 1996, fit-18 ta'Frar, 1997, fit-3 ta'Novembru, 1997, u fid-9 ta'Dicembru, 1997:

1. Tat xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta'prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna akkuzata ;
2. Halfet falz quddiem Magistrat ;
3. Bil-qerq, holqot jew gieghlet li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza li jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi

prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta'reat.

Rat is-sentenza moghtija fil-21 ta'Gunju, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Marzouki Hachemi Beya Bent Adellatif hatja talli fl-4 ta'Novembru, 1996, halfet falz quddiem il-Magistrat (it-tieni akkuza), kif ukoll talli fit-18 ta'Frar, 1997, tat xhieda falza fi proceduri kriminali (l-ewwel akkuza), filwaqt li ma sabithiex hatja li kienet xehdet il-falz fit-3 ta'Novembru, 1997 quddiem il-Qorti Istruttorja fi proceduri kontra Hisham Bashir Abuzukhar u fid-9 ta'Dicembru, 1997 fl-istess proceduri msemmija, u ghalhekk illiberatha minn tali akkuzi riferibbilment ghal dawn iz-zewg dati tat-3 ta'Novembru, 1997 u d-9 ta'Dicembru, 1997, kif ukoll fuq xi akkuzi ohra minhabba nuqqas ta'provi, u fuq l-akkuzi misjubha hatja, l-ewwel Qorti kkundannatha ghall-tlett (3) snin ta'prigunerija, bit-tnaqqis ta'kull zmien li kienet mizmumha taht arrest preventiv minhabba dan il-kaz. Inoltre, dik il-Qorti ordnat l-interdizzjon generali tal-hatja ghall-zmien hames snin.

Rat ir-rikors t'appell ta'Marzouki Hachemi Beya Bent Abdellatif datat 2 ta'Lulju, 2001, li bih talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, tirrevokaha in kwantu sabitha hatja ta' l-akkuzi taht l-Artikoli 17, 104 (1) u 108 (1) tal-Kodici Kriminali, u, konsegwentement, tilliberaha minn kull piena w htija skond il-ligi, u f'kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, tigi mposta fuqha piena aktar ekwa w gusta ghal kaz.

Rat l-aggravji ta' l-appellanti.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi preliminarjament l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti ghall-allegata falza testimonjanza taghha riferibbilment ghaz-zewg dati 3 ta'Novembru, 1997 u 9 ta'Dicembru, 1997, fil-proceduri kontra certu Hisham Bashir Abuzukhar m'ghandhomx aktar rilevanza ai fini ta' dan l-appell l-ghaliex l-appellanti kienet giet liberatha dwarhom mill-ewwel Qorti. L-appellanti kienet giet liberatha wkoll mill-ahhar akkuza, dik li tohrog mill-Artikolu 110 (1) tal-Kap. 9. Jibqa', ghalhekk, l-allegata xhieda falza w gurament falz taghha fiz-zewg okkazzjonijiet ta' l-4 ta'Novembru, 1996 u fit-18 ta'Frar, 1997.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel nett l-allegata xhieda falza taghha fl-4 ta'Novembru, 1996, din tirreferi ghax-xhieda li l-appellanti kienet tat waqt Inkjesta Magisterjali quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Carol Peralta, fejn qalghet li dik in-nhar stess, waqt li kienet fl-airport ta'Istanbul tistenna biex taqbad ajruplan biex tigi Malta, ragel barrani jismu Geddeda kien talabha zzommlu hames kapsuli li qalilha li kienu jikkontjenu flus Libjani w twassalhomlu Malta. Hi accettat u b'rizultat ta'tfittxija li saret fuqha meta waslet fl-ajruport ta'Malta, instab li dawk il-kapsuli kienu jikkontjenu droga. Kien dan il-fatt li wassal ghall-Inkjesta Magisterjali msemmija kondotta mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Peralta, u fejn hi xehdet, kif intqal, dwar kif gew ghandha, jew min kien taha, dawk il-kapsuli. Dan kien l-ewwel incident ta' l-4 ta'Novembru, 1996, imsemmi fl-akkuzi. Ta' min jghid hawnhekk li ndubjament bhala fatt jirrizulta li din ix-xhieda ta' l-appellanti, fejn implikat lil dan Geddeda, u li, incidentalment, wara nbdew il-proceduri relattivi kontrih ukoll, kienet wahda falza. Fuq dan il-fatt ma hemm ebda kontestazzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni okkazzjoni, dik tat-18 ta'Frar, 1997, bhala fatt jirrizulta wkoll li anke fil-proceduri migjubha kontra l-istess appellanti, fejn giet akkuzata bl-importazzjoni w pussess tad-droga, precizament fis-seduta li ggib din id-data tat-18 ta'Frar, 1997, hi telghet tixhed f'dawn il-proceduri kontriha li kienu qed jinstemghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti ta'Gudikatura Kriminali, u ghal darb'ohra semmiet lil dan Geddeda bhala dik il-persuna li kienet tatha dawk il-kapsuli fl-ajruport ta'Istanbul biex twassalhomlu Malta.

Issa l-kompitu ta'din il-Qorti hu li tara, dejjem riferibbilment ghal dawn iz-zewg dati biss, jekk effettivament f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet kienux jikkonkorru r-rekwiziti mehtiega mil-ligi biex ikun hemm ir-reati taht l-Artikoli 104 (1), u 108 (1) tal-Kodici Kriminali.

F'dan l-istadju ta' din is-sentenza, ghandu jigi rilevat li r-reat kontemplat fl-Artikolu 104 (1) tal-Kodici Kriminali, u anke dak fl-Artikolu 105, hu dak ta'spergur (falza testimonjanza), filwaqt li r-reat kontemplat fl-Artikolu 108 (1) tal-Kodici Kriminali hu dak ta'gurament falz biss. L-ewwel reat imsemmi hu komunement imsejjah "*legal perjury*" jew "*false testimony*", filwaqt li r-reat l-iehor jissejjah "*extra-judicial perjury*" jew "*false swearing*". Fil-fatt, kif gie ritenut u hu accettat, tezisti distinzjoni bejn dawn iz-zewg reati. Bazikament, id-differenza hi li min jixhed falz waqt kawza (ai termini ta' l-Artikoli 104{1} u 105) ma jitqiesx mil-ligi li dak l-agir tieghu jikkostitwixxi biss 'gurament falz', sic et simpliciter, izda jikkostitwixxi 'spergur', cioe', falza testimonjanza; mentre min jiehu gurament falz f'dawk l-okkazzjonijiet l-ohra li mhumiex waqt kawza (ai termini ta' l-Artikolu 108 {1} tal-Kap.9), hemm ikun qed jiehu gurament falz, izda ma jkunx qed jikkommetti d-delitt aktar serju ta' spergur fi-kontest ta' l-imsemmija Artikoli 104 (1) u 105.

Issa l-aggravji ta' l-appellanti f'dan ir-rigward huma tlieta, b'aggravju minnhom jista' jitqies bhala ferm importanti ghaliex mill-ezitu tieghu jiddependi jekk hemmx bzonn jew le li jigu trattati l-aggravji l-ohra.

F'dan l-aggravju taghha li l-Qorti sejra titratta l-ewwel, l-appellanti tghid li l-ewwel Qorti interpretat b'mod skorrett il-ligi, u precizament dak li jghidu l-Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kap. 9 . F'dan l-ewwel aggravju taghha, l-appellanti bazikament qed tghid li l-ewwel Qorti ma setghetx issibha hatja ta'spergur in bazi ta' dawn l-Artikoli b'riferenza ghax-xhieda taghha ta' l-4 ta'Novembru, 1996, l-ghaliex dik ix-xhieda, falza kemm hija falza, kienet inghatat f'Inkjesta Magisterjali w mhux waqt proceduri kriminali.

Issa l-imsemmija Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kodici Kriminali jghidu li jkun hemm ir-reat ta'spergur jew xhieda falza, meta din tinghata fi proceduri kriminali. Kif jghid il-Mamo, trid tkun xhieda moghtija "***during a cause, that is to say, during contentious proceedings which call for a decision***."

Fil-kaz in ezami, fl-4 ta'Novembru, 1996, meta l-appellanti tat din ix-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Peralta, ma kienx ghad hemm proceduri kriminali, ma kienx ghad hemm 'a cause' li twassal ghal xi decizjoni. Dan hu ovvju l-ghaliex l-imsemmija Artikoli jiddisponu jew juru bic-car li tali xhieda falza trid tkun inghatat fi proceduri fejn hemm persuna akkuzata. Irid mela jkun hemm necessarjament '<u>a criminal charge to be answered</u>'. Ghalhekk fost l-elementi mehtiega sabiex jissussisti dan ir-reat ta'spergur taht l-Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kap. 9, necessarjament tali xhieda falza trid tkun giet moghtija fil-kors ta'proceduri kriminali fejn hemm persuna akkuzata b'reat u fejn irid jigi diterminat jekk dik il-persuna hiex kriminalment responsabbli jew le ghal dak li hi akkuzata bih.

Issa fil-kaz prezenti, fejn fl-4 ta'Novembru, 1996, kien ghad hemm biss Inkjesta Magisterjali ghaddejja, certament ma kienx ghad hemm persuna akkuzata, u wisq aktar ma kienx ghad hemm 'a criminal charge to be answered and determined,' u dan semplicement minhabba l-fatt li Inkjesta Magisterjali ma taqghax fid-definizzjoni ta'proceduri kriminali ai fini ta' l-imsemmija Artikoli. Fil-fatt, jista' jinghad ukoll li anke fl-istadju ta'Istruttorja, ukoll teknikament ghad ma hemmx proceduri kriminali kontra persuna akkuzata, izda biss forma ta'proceduri li jservu ghall-gbir ta'evidenza kontra persuna imputata. Ghalhekk ma hemm ebda dubju li ghal dak li jirrigwarda x-xhieda falza ta' l-appellanti waqt l-Inkjesta Magisterjali fl-4 ta'Novembru, 1996, ir-reat kontemplat fl-Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kap. 9 ma jinkwadrax.

Pero' il-Qorti ma tistghax tieqaf hawnhekk. Trid tara jekk tali xhieda falza ta' l-appellanti moghtija minnha waqt l-Inkjesta Magisterjali fl-4 ta'Novembru, 1996, tinkwadrax ruha taht xi dispost iehor tal-ligi, bhal ma hu, per ezempju, l-Artikolu 108 (1) tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu jirreferi ghal min, f'kull kaz

iehor mhux imsemmi qabel, jahlef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficcjal iehor li jkollu s-setgha li jaghti l-gurament.

Issa fil-kaz in kwistjoni, ma hemm ebda dubju li x-xhieda li tat l-appellanti fl-4 ta'Novembru, 1996, waqt l-Inkjesta Magisterjali, kienet xhieda moghtija minnha taht gurament quddiem Magistrat, u dan f'cirkostanzi mhux imsemmija qabel, cioe' mhux f'xi proceduri kriminali kif rikjesti fl-Artikoli precedentement msemmija. Dawn il-fatti, ghalhekk, jinkwadraw ruhom perfettament fir-reat kontemplat f'dan l-Artikolu 108 (1) tal-Kap. 9. Dan hu kaz ta' "**extra-judicial perjury/ false swearing**".

Ghalhekk safejn jikkoncerna id-data ta' l-4 ta'Novembru, 1996, minghajr pregjudizzju ghall-aggravji l-ohra sollevati mill-appellanti, hi l-fehma ta'din il-Qorti li, almenu bhala stat ta'fatt, jirrizulta li f'din id-data hi ghamlet atti li jaghtu lok **biss** ghar-reat ta'gurament falz in bazi ta' l-Artikolu 108 (1) tal-Kap. 9, u certament mhux ir-reat ta'spergur skond l-Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kap. 9.

Issa ghar-rigward it-tieni okkazzjoni, dik tat-18 ta'Frar, 1997, hawnhekk ukoll bhala stat ta'fatt **biss** ghalissa, ma hemm ebda dubju li x-xhieda falza moghtija mill-appellanti waqt il-kumpilazzjoni taghha stess, u dan quddiem Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali, hija xhieda moghtija waqt proceduri kriminali fejn kien hemm l-istess appellanti mressqa b'akkuzi li trid twiegeb ghalihom, u li kellhom jigu eventwalment decizi. Gja' la darba f'dawn il-proceduri kontriha, l-appellanti kienet ghazlet li taghti x-xhieda taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali, allura b'effett ta' dan hi giet kunsidrata bhal kull xhud iehor, soggetta ghal kull kontro-ezami li setgha jsiriliha, bid-differenza li fejn xhud ordinarju jistgha ma jwiegebx ghal xi domandi li bir-risposta li jaghti ghalihom jistgha jinkrimina lilu nnifsu, u ghalhekk jitlob il-permess tal-Qorti sabiex ma jwiegebx ghalihom minhabba dan ir-riskju, dan il-privilegg mhux moghti lill-akkuzat li jaghzel li jaghti x-xhieda tieghu fejn allura hu obbligat li jwiegeb ghal kull domanda li ssirlu, anke jekk jista' jinkrimina lilu nnifsu bir-risposti li jaghti. Dan ifisser, ghalhekk, li jekk waqt li qed jixhed fi proceduri kontrih, l-akkuzat jaghmel xi testimonjanza falza, hu jkun qed jikkommetti dan ir-reat ta'spergur taht l-

Artikolu 104 (1) jew 105 tal-Kap. 9. Dawn il-fatti fil-kaz prezenti jinkwadraw ruhom perfettament, ghalhekk, f'dak li jiddisponi l-Artikolu 104 (1) tal-Kap. 9, u dan safejn jikkoncerna lill-appellanti.

Mela bhala rikapitulazzjoni zghira biss, il-Qorti tara li hu nkontestat li l-appellanti kienet tat xhieda falza kemm fl-4 ta'Novembru, 1996, kif ukoll fit-18 ta'Frar, 1997. Fl-ewwel okkazzjoni din kienet waqt Inkjesta Magisterjali, u, ghalhekk, tali agir taghha jinkwadra ruhu, <u>mill-aspett fattwali jew materjali biss</u>, f'dak li jikkontempla l-Artikolu 108 (1) tal-Kap. 9, filwaqt li fit-tieni okkazzjoni, dik tat-18 ta'Frar, 1997, <u>mill-aspett fattwali jew materjali biss ukoll</u>, l-agir ta' l-appellanti jinkwadra ruhu taht l-Artikolu 104 (1) tal-Kap. 9, dan kollu salv dejjem dak li sejjer jinghad 'l quddiem fuq l-aggravji l-ohra ta' l-appellanti.

Hu hawn, ghalhekk, issa l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji l-ohra ta'l-appellanti, partikolarment is-sottomissjoni taghha li l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament hazin u enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u tal-gurisprudenza fuq id-duttrina tar-'**retraction**', cioe' ir-ritrattazzjoni ta' l-appellanti fil-mument mehtieg skond il-ligi mix-xhieda falza li kienet tat qabel u li, ghalhekk, kellha tibbenefika minn din ir-ritrattazzjoni taghha.

L-appellanti tissottometti li fil-proceduri kontra certu Geddeda li ttiehdu bazikament u sostanzjalment in forza tax-xhieda taghha fejn implikatu bl-importazzjoni tad-droga, kif fuq accennat, u dejjem qabel ma dawn il-proceduri kontrih kienu gew decizi, anzi precizament waqt il-guri tieghu, fis-seduta tal-21 ta'Ottubru, 1998, quddiem il-Qorti Kriminali, hi xehdet u stqarret li kienet xehdet falz precedentment fil-konfront tieghu meta qalghet li kien hu li kien ta l-hames kapsuli bid-droga biex twassalhomlu sa Malta. Fil-kors ta' dan il-guri, l-appellanti kjarament marret lura mix-xhieda li kienet tat qabel, fit-18 ta'Frar, 1997, fejn inkriminat sewwa lil dan Geddeda. Fil-fatt, ghalkemm ma tantx hu rilevanti ghal kaz prezenti, jigi rilevat li dan Geddeda gie misjub unanimament mhux hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontrih u certament din il-bidla fix-xhieda ta' l-appellanti ghenet sew sabiex hareg dan il-verdett. Minn ezami tax-xhieda

ta' l-appellanti waqt dan il-guri, ma hemm ebda dubju li dan kien kaz klassiku ta'xhud li minn jeddu, b'mod volontarju, iddecieda li jghid il-verita' u jammetti li kien ta xhieda falza qabel fi proceduri relattivi.

Li trid tara l-Qorti issa hu jekk dan il-fatt jinkwadrax ruhu taht din id-duttrina ta' "**retraction**". Jinghad mal-ewwel li ma hemm ebda dubju li din id-duttrina, ghalkemm ma tirrizultax daqstant cara mill-Kodici Kriminali, fil-prattika giet accettatha mill-Qrati taghna <u>f'kazijiet ta'spergur</u>. L-Artikolu 522 (1) tal-Kodici Kriminali jaghti s-setgha lill-Qorti sabiex fid-diskrezzjoni taghha tmexxi lejn is-sewwa kull xhud li jhawwad fix-xhieda tieghu, dan billi twissih, twarrbu, eccetera. L-Artikolu 104 (3) tal-Kap. 9, moqri flimkien mal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu 104, juri bic-car l-intenzjoni tal-legislatur li meta xhud jerga' lura mix-xhieda falza li jkun ta, b'mod li tali ritrattazzjoni tibbenfika xi persuna akkuzata u misjuba hatja in  bazi tax-xhieda falza tieghu, u qabel ma tigi esegwita dik is-sentenza, allura tali ritrattazzjoni tibbenefika wkoll lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu, dan ghal dak li jirrigwarda l-piena anqas li hu soggett ghaliha f'tali kaz a differenza tal-piena akbar soggett ghaliha meta jinstab hati ta' dak l-ispergur minghajr ma jkun reggha lura x-xhieda falza tieghu. Moqrija flimkien dawn iz-zewg Artikoli separati fil-Kodici Kriminali kjarament juru li l-legislatur ried jaghti l-opportunita' jew incentiv lix-xhud li xehed falz sabiex iregga' lura dik ix-xhieda tieghu. Ried jaghti l-opportunita' lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu w b'hekk jevita li tigi kagunata xi hsara rreparabbli lil xi persuna jew anke lis-socjeta' in generali. Ta' min izid ma' dawn iz-zewg Artikoli tal-Kodici Kriminali, dak li jiddisponi il-Kap.12 fl-Artikolu 602 (1), maghmul applikabbli ghall-procedimenti kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kap. 9, fejn xhud, f'kull zmien qabel l-eghluq tas-smigh tal-kawza, jkun jixtieq jaghmel xi zieda jew korrezzjoni ghal dak li jkun xehed qabel, u l-Qorti tippermetti tali zieda jew korrezzjoni. Dawn huma tlett Artikoli tal-Ligi li kjarament juru li din id-duttrina ta'ritrattazzjoni kienet f'mohh il-legislatur. Din tar-ritrattazzjoni, fil-fatt, hija incentiva li l-ligi taghti lix-xhud sabiex jasal biex jikkoreggi lilu nnifsu biex dak li jkun xehed falz precedentement ma jwassalx ghad-dannu ta'haddiehor u sabiex ukoll l-istess xhud ikollu mohhu mistrieh li l-ligi qed tipproteggih billi jibbenefika minn din ir-ritrattazzjoni tieghu li twassal ghan-newtralizzazzjoni tar-reat ta' spergur. Dan

hu ezattament l-iskop wara din id-duttrina, cioe' li tigi zvelata l-verita' li hu wkoll l-iskop ta' kull process kriminali, li bniedem li x-xhieda falza tieghu tista' twassal ghal xi decizjoni hazina, jkun f'posizzjoni li jirrimedja ghal tali sitwazzjoni qabel ma jkun tard wisq. L-effett ta' din l-incentiva hu li tigi eliminata l-possibilita' li l-gustizzja tigi zgwidata w li jsir xi dannu rreversibbli lil xi hadd.

Issa pero', mhux kull tip ta' ritrattazzjoni hija accettabbli fis-sens li din dejjem tibbenefika lix-xhud li jregga lura mix-xhieda falza tieghu. Hemm certi rekwiziti li jridu jigu sodisfatti sabiex din il-linja difensjonali tirnexxi. Ta'min ifakkar li kif jirrizulta mill-gurisprudenza, l-effett tar-ritrattazzjoni hu li din tinnewtralizza ghall-kollox ir-reat ta' spergur. Assumendo li jezistu r-rekwiziti kollha necessarji sabiex tirnexxi din il-linja difensjonali, l-effett taghha hu li min ikun xehed falz u volontarjament iregga' lura dik ix-xhieda falza tieghu fil-mument opportun, hu jkun ezonerat minn kull responsabilita' kriminali. U dan hu propju l-incentiv li taghti l-ligi lil kull min jirritratta lura minn xi xhieda falza li jkun ta, purche' huma sodisfatti r-rekwiziti mehtiega. Dan hu incentiv intiz biex iwassal lix-xhud biex jerga' jahsibha, jiddispjacih minn dik ix-xhieda falza li jkun ta, u jasal jghid il-verita' minghajr ma jinkorri f'responsabilita' kriminali. Hu l-premju li l-ligi taghti lil dak ix-xhud talli ghen u ta l-kontribut tieghu siewi sabiex issir gustizzja jew sabiex ma ssirx ingustizzja in bazi ta' xhieda falza.

Issa sabiex tali '**retraction**' tinnewtralizza d-delitt ta'spergur, hu ovvju li tali ritrattazzjoni necessarjament ghandha **<u>issir qabel ma l-proceduri kriminali jkun gew decizi</u>**. Dan ghaliex ritrattazzjoni hija intiza biex twassal ghal xi beneficcju, kif intqal qabel, anzi ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Issa jekk din issir wara li l-proceduri kriminali jkunu intemmu w gja' hemm decizjoni, allura dik ir-ritrattazzjoni ma tiswa xejn u ma tibbenefika lill-hadd. Ix-xhud li jregga lura x-xhieda falza tieghu f'dak l-istadju tardiv, ghalhekk, jibqa' kriminalment responsabbli ghad delitt ta'spergur. Fil-fatt, gie ritenut li sakemm ikunu ghadhom ma spiccawx il-proceduri kriminali, u allura hemm dejjem il-possibilita' li xhud jista' jregga lura x-xhieda falza tieghu, dan id-delitt ta'spergur jimmatura jew jigi kunsmat **biss** fil-mument meta ma jkunx aktar possibbli li jerga' jissejjah dak ix-xhud, fil-mument li dawk il-proceduri jkunu

intemmu, u ghalhekk, ma jkunx ghad baqa' l-possibilita' li xhud jirritratta. Fil-fatt il-**Pessina** (Elementi di Diritto Penale, Vol. 7, p.730) jghid hekk : " *Il testimonio il quale facesse una testimonianza falsa, ancorche', cio' avvenga nel corso del giudizio, ritrattandosi prima che si chiudesse il dibattimento, non sarebbe soggetto ad azione penale per falsa testimonianza siccome fino a tale momento si tratta di un conato che vien esente da pena per il sopraggiunto pentimento del colpevole*."

Issa apparti dan ir-rekwizit li r-ritrattazzjoni trid issir qabel ma jigu terminati l-proceduri kriminali, ix-xhud li jiddispjacih u jregga' lura ix-xhieda falza tieghu, irid jaghmel hekk b'mod **volontarju**, cioe' ma jigi mgieghel jew kostrett minn hadd. Mhux essenzjali li jaghmel hekk b'mod spontaneu ukoll. L-awturi u gurisprudenza jghidu li jkun bizzejjed li x-xhud jiddeciedi li jmur lura mix-xhieda falza tieghu volontarjament, ghaliex hekk irid hu. Fil-fatt, gie ritenut li xhud ghandu kull dritt li jregga' lura dak li jkun qal u b'hekk jinnewtralizza l-ispergur, basta li jaghmel hekk fil-kors tal-proceduri w qabel ma dawn jispiccaw. Il-Professur Mamo filwaqt li jirreferi ghad-diskrezzjoni tal-Qorti, fuq imsemmija, rizultanti mill-Kap. 12, li tregga' lura lix-xhud li jkun qed ihawwad billi twissih li jista' jigi arrestat, jinzamm appartat, eccetera, jghid li ghalkemm f'cirkostanzi bhal dawn ix-xhud jiddeciedi li jregga' lura x-xhieda tieghu, tali ritrattazzjoni xorta tibqa' wahda volontarja li tinnewtralizza d-delitt ta'spergur.

Issa apparti li r-ritrattazzjoni trid tkun wahda volontarja u maghmulha qabel ma jispiccaw il-proceduri, huwa essenzjali wkoll li din tkun **esplicita**, **kompleta** w **inkondizzjonata**. Dan kif jghid il-Manzini (Manuale di Diritto Penale, Vol 5. Para. 1671, at p. 789).

Mela sa issa, il-Qorti enuncjat ir-rekwiziti sabiex tirnexxi l-linja difensjonali tar-ritrattazzjoni, kif sollevata mill-appellanti f'dan l-aggravju taghha. Issa wiehed ghandu jara jekk il-fatti rizultanti f'dan il-kaz jinkwadrawx f'dawn ir-rekwiziti. Pero', qabel kollox ghandu jigi kkjarat u puntwalizzat ghal darb'ohra li din id-duttrina tar-"**retraction**" tapplika **biss** ghar-rigward ir-reat ta'spergur taht l-Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kap. 9, u ma tapplikax ghar-rigward ir-reat ta'gurament falz taht l-Artikolu 108 (1) tal-Kap. 9. Dan hu hekk anke

logikament. Huma biss l-imsemmija Artikoli 104 (1) u 105 li jitkellmu fuq proceduri kriminali pendenti li matulhom issir it-testimonjanza falza. Hu ovvju ghalhekk, li r-“**retraction**” tista’ issir biss waqt li tali proceduri kriminali ghadhom ghaddejjin biex jigi evitat xi dannu jew hsara rreparabbli. Fir-reat kontemplat fl-Artikolu 108 (1), dak tal-gurament falz, ghad ma hemmx l-istadju tal-proceduri kriminali in ezistenza, u ghalhekk, gja’ la darba hu wiehed mir-rekwiziti essenzjali tar-“**retraction**” li din issir waqt proceduri kriminali w qabel ma dawn jigu decizi, allura, isegwi logikament li din id-duttrina ta’ “**retraction**” ma tistghax tapplika f’dawk il-kazijiet li jinkwadraw ruhom fl-imsemmi dispost ta’ dan l-Artikolu 108 (1) tal-Kap. 9. Ir-“**retraction**” ma tapplikax, per ezempju, fil-kaz ta’gurament falz mehud waqt xi Inkjesta Magisterjali.

Issa, tenut kont ta’ dan kollu li ntqal, fl-ewwel lok ma hemm ebda dubju li waqt il-proceduri tal-guri ta’Geddeda, l-appellanti f’hin minnhom iddecidiet li tregga’ lura x-xhieda li kienet tat precedentement li in bazi taghha kienu ttiehdu passi kriminali kontra Geddeda u li fuqha strah konsiderevolment il-kaz tal-prosekuzzjoni. Hi l-opinjoni ta’ din il-Qorti li l-verdett unanimu ta’ mhux hati setgha kien il-konsegwenza naturali u logika tal-fatt li l-appellanti, fil-kors ta’ dan il-guri, irritrattat din ix-xhieda taghha precedenti, dan billi nsistiet ghal diversi drabi li dik ix-xhieda ta’ qabel, li biha kienet tinkrimina lill-Geddeda, kienet wahda falza. Ix-xhieda taghha waqt il-guri, li giet esebita f’dawn il-proceduri odjerni, turi bl-aktar mod car l-insistenza ta’ l-appellanti li fil-guri riedet tghid il-verita’. Dan jirrizulta anke mill-fatt li f’hin minnhom, l-Imhallef li kien qed jippresjedi l-guri, semgha lill-appellanti bil-maghluq u ezaminaha b’mod ferm dettaljat u profond dwar din ir-ritrattazzjoni taghha, sa anke ta l-fakulta’ li tikkonsulta ma’ l-avukat di fiducja taghha fuq dan il-fatt. Ma hemm ebda dubju, ghalhekk, li din kienet ritrattazzjoni ta’ l-appellanti maghmulha b’mod ferm volontarju, minghajr ma giet imgeghla minn hadd, intiza biss biex tghid il-verita’ w ma tibqghax dik l-ombra fuq bniedem li hi kienet taf li kien innocenti u li ma kienx ta d-droga biex twassalha Malta ghalih. Ix-xhieda voluminuza ta’ l-appellanti waqt il-guri, meta ddecidiet li tregga’ lura x-xhieda falza taghha, hija wahda cara, kostanti, u esplicita. L-appellanti hemmhekk baqghet issostni li qed tghid il-verita’ f’dak l-istadju minkejja li giet imwissija diversi drabi mill-Imhallef sedenti. Kienet ritrattazzjoni kompleta fis-sens li l-

appellanti tat esposizzjoni dettaljata tal-fatti kif verament graw li bl-ebda mod ma kienu jimplikaw lill-Geddeda f'xi attivita' illegali in konnessjoni ma'droga. U kienet ritrattazzjoni nkundizzjonata l-ghaliex l-appellanti regghet lura x-xhieda falza taghha minghajr ebda forma ta' rbit jew kundizzjoni.

Issa apparti dan kollu, ma hemm ebda dubju wkoll li din ir-"**retraction**" ta' l-appellanti saret b'mod volontarju w waqt li l-proceduri kontra Geddeda kienu ghadhom pendenti w mhux decizi.

Minn dan kollu li ntqal, ghalhekk, il-Qorti tara li f'dan il-kaz certament kellha tapplika l-linja difensjonali tar-'**retraction**' ghaliex il-fatti li jirrizultaw jinkwadraw ruhom kollha fl-enuncjazzjoni ta' din id-duttrina fuq esposta. F'dan is-sens l-appellanti ghandha ragun tilmenta li l-ewwel Qorti enuncjat hazin din il-linja difensjonali taghha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan hu kaz fejn ir-rekwiziti essenzjali kollha biex tapplika din id-duttrina tar-"**retraction**" kienu prezenti w f'posthom, **limitatament**, izda, ghall-ispergur ta' l-appellanti fl-okkazzjoni tax-xhieda taghha fit-18 ta'Frar, 1997, ai termini ta' l-Artikolu 104 (1) tal-Kap. 9

Kif gja' nghad, ir-"**retraction**" ma tapplikax fil-kaz tar-reat ta'gurament falz taht l-Artikolu 108 (1) tal-Kodici Kriminali, u dan ghar-ragunijiet appena msemmija. Ghalhekk, l-aggravju ta' l-appellanti f'dan il-kuntest, filwaqt li ghandu jigi milqugh ghar-rigward ir-reat ta'spergur b'riferenza ghax-xhieda falza taghha moghtija fit-18 ta'Frar, 1997, waqt il-proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali, ma jistghax jigi akkolt ukoll b'riferenza ghall-gurament falz taghha mehud waqt li xehdet fl-Inkjesta Magisterjali quddiem l-Magistrat C. Peralta fl-4 ta'Novembru, 1996.

Izda l-appellanti ma waqfetx hawnhekk fil-linji difensjonali taghha. Fl-ahhar aggravju taghha hi tghid li kienet waslet li tikkommetti spergur fit-18 ta'Frar, 1997, u kienet anke precedentement hadet gurament falz quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-4 ta'Novembru, 1996, minhabba li giet mgieghla taghmel hekk minn forza barranija gejja fuqha minn haddiehor u li ma setghetx tirrezisti.

Hawnhekk, ghalhekk, l-appellanti qed tqajjem id-difiza tal-“**coercion**”, kif hemm dispost fl-Artikolu 33 (b) tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu jghid hekk testwalment: “ *Kull persuna tkun ezenti minn responsabilita’ kriminali jekk fil-waqt ta’ l-att jew tan-nuqqas-------- (b) kienet imgieghla b’forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha*.”

Mela l-eccezzjoni ta’ l-appellanti hawnhekk hi li fiz-zewg okkazzjonijiet imsemmija kien hemm in-nuqqas tal-volonta’ taghha meta xehdet kif xehdet u dan minhabba din l-hekk imsejjha forza barranija li kienet irrezistibbli. Din tal-‘**coercion**’, jew, kif imsejjha bil-Malti, tal-‘**koazzjoni**’, tfisser, fi kliem semplici, li xi hadd ikun sfurzat, jigi mgieghel, li jaghmel xi haga kontra l-volonta’ tieghu, li jaghmel xi haga li normalment jew altrimenti ma kienx jaghmel. Trid tkun forza barranija gejja minn haddiehor, kompletament indipendenti minn min jaghmel l-att materjali. Trid tkun forza li certament u necessarjament trid tkun prezenti fil-waqt li l-bniedem li fuqu tkun qed issir din il-forza barranija qieghed effettivament jaghmel l-att materjali, id-delitt fl-element materjali tieghu, u mhux gejja minn xi zmien minn qabel biss.

Issa fil-kaz in ezami, ma hemm ebda kontestazzjoni li l-appellanti kkommettiet l-atti materjali li taw lok ghar-reati taht l-Artikoli 104 (1) u 108 (1) tal-Kap. 9, dawk ta’spergur u gurament falz fiz-zewg dati msemmija qabel. Li qed tikkontesta l-appellanti hu li fiz-zewg okkazzjonijiet kien nieqes fiha l-element formali jew intenzjonali, u allura, ma tistghax tinstab hatja ta’dawn ir-reati. Dan hu hekk l-ghaliex in bazi ta’ dak li jghid l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9, ic-cirkostanza tal-forza barranija telimina ghall-kollox din l-intenzjoni.

Ghal dawk li huma r-rekwiziti necessarji sabiex tirnexxi din il-linja difensjonali, il-Qorti, kif presjeduta, gja’ kellha okkazzjoni ricentement fejn dahlet profondament f’din il-materja w fejn spjegat dettaljatament x’irid ikun hemm sabiex tirnexxi tali difiza. Dan kien fl-*Appell Kriminali 13/2001 deciz minnha fit-13 ta’Settembru, 2001, fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Richard Gauci*. Ghalhekk il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qalghet hemmhekk u tadottah hawnhekk ukoll u dan a skans ta’ripetizzjoni. Bizzejjed jinghad hawnhekk li dawn ir-rekwiziti huma erba. Fl-**ewwel lok**, trid tkun **forza barranija gejja minn**

**haddiehor** li twassal lil xi hadd jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, haga li fin-normalita' tal-hajja ma kienx altrimenti jaghmel. Fit-**tieni lok**, **trid tkun forza barranija li ssir fuq xi hadd mhux biss qabel ma dan effettivament jaghmel dak li jigi kostrett li jaghmel, izda trid tkun prezenti fuqu anke fil-mument li jaghmel l-att materjali kontra l-volonta' tieghu**. L-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9 fil-fatt isemmi jew juza l-kelma '<u>fil-waqt ta' l-att</u>'. Jekk ma hemmx din il-forza barranija fil-mument li qed isir l-att materjali, allura ma tkunx eskluza l-intenzjoni kriminuza. Fit-**tielet lok**, din il-forza barranija gejja minn xi haddiehor trid tkun wahda **irrezistibbli**. Dan ifisser mhux biss li dak li jkun ma jfittex jew ma jipprovax li jirrezistiha, mhux biss li dak li jkun ma jaghmilx l-icken sforz biex jehles minn din il-forza barranija, izda trid necessarjament tkun forza barranija li bniedem bla ebda mod ma jista' jieqfilha, jirrezistiha, jehles minnha. Fi ftit kliem, **trid tkun forza barranija li bniedem verament ma jistghax jirrezisti, u mhux forza li semplicement ma jipprovax jirrezisti.** Fir-**raba lok**, din ic-cirkostanza tal-**forza barranija trid necessarjament tkun wahda serja jew gravi hafna, fis-sens li tista' twassal ghall-konsegwenzi serji jew gravi hafna**, bhal meta bniedem jigi mhedded bil-mewt, b'pistola ma'rasu, eccetera. Tista' tiehu l-forma ta'minaccja jew theddid ta'mewt ta' xi hadd tal-familja tal-minaccjat. Trid tkun forza barranija ta'certa' gravita' li turi, imqarr fuq grad tal-probabbli, li l-bniedem minaccjat **ma jkollux triq ohra** hlief li jesegwixxi dak li jkun qed jigi mgieghel li jaghmel kontra l-volonta' tieghu. Jekk, allura, hemm triq alternattiva li biha l-minaccjat seta' possibilment jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta' dik il-minaccja, u hu jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn dik it-triq, allura l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9 ma japplikax.

Minn dan li ntqal, jidher li din il-linja difensjonali tal-koazzjoni hi kollha kemm hi kwistjoni ta' cirkostanzi, ta'fatti li jemergu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvincu lil min ghandu jiggudika, imqarr sal-grad tal-probabbli, li tassew il-bniedem li ghamel l-att kriminanti ma setghax, fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom, jehles minn dik il-forza barranija <u>bla ebda mod iehor hlief milli jaghmel dak li kien imgieghel li jaghmel, cioe', li ma kellux alternattiva ohra kif seta' jehles minn dik il-forza barranija</u>.

Issa l-Qorti trid tara jekk mill-provi f'dan il-kaz in ezami johorgux fatti li jinkwadraw f'din l-enuncjazzjoni ta' din il-linja difensjonali tal-koazzjoni. Jigi nutat hawnhekk, pero', li gja' la darba din il-Qorti laqghet l-aggravju ta' l-appellanti riferibbilment ghar-"**retraction**" taghha fil-kaz ta' l-akkuza ta' spergur fl-okkazzjoni tat-18 ta'Frar, 1997, u ghalhekk sejra tirriforma s-sentenza appellata f'dan il-kuntest, ma hemmx ghalfejn tara jekk din il-linja difensjonali tal-koazzjoni tapplikax ghal din l-istess okkazzjoni msemmija tat-18 ta'Frar, 1997. L-effett tar-"**retraction**" ta' l-appellanti f'din l-okkazzjoni hu simili ghal dak tal-koazzjoni, cioe', li safejn jikkoncerna l-ispergur taghha f'dan l-incident, dan ir-reat gie newtralizzat bir-ritrattazzjoni taghha waqt il-proceduri kriminali qabel ma dawn spiccaw. Ghalhekk il-Qorti trid tara jekk din il-linja difensjonali tal-koazzjoni tapplikax ghal l-incident l-iehor, dak tal-gurament falz ta' l-appellanti quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-4 ta'Novembru, 1996.

Il-Qorti, ghalhekk ezaminat l-atti sewwa u ghalkemm hemm indikazzjonijiet li l-appellanti kienet imbezza minn xi haga, din pero' ma wasletx lill-Qorti sabiex tkun konvinta, imqarr fuq bazi ta' probabbilta', li tali biza taghha kien dovut minn xi forza barranija irrezistibbli. Veru hemm provi li juru li kien hemm cirkostanzi li xi ftit jew wisq minhabba fihom l-appellanti kienet qed thossha mhedda hi stess jew ghall-membri tal-familja taghha. Per ezempju, f'intervall qasir graw zewg imwiet ta' xi membri familjari ta' l-appellanti f'cirkostanzi daqxejn dubjuzi li hi qed tatribwixxi bhala parti minn din il-forza barranija gejja fuqha minn haddiehor. Jezistu cirkostanzi li jwasslu ghal certu grad ta'biza, dana m'hemmx dubju tieghu. Izda kif gie ritenut diversi drabi, dikjarazzjonijiet ripetuti ta'biza mhumiex bizzejjed sabiex tirnexxi din il-linja difensjonali. Mill-assjem tal-provi fl-atti, ghalkemm jirrizulta li l-appellanti kellha xi forma ta' biza minn xi haga, dan il-fatt, izda, ma wassalx lil din il-Qorti li tkun konvinta sal-grad tal-probabbli li l-appellanti ghamlet dawk l-atti materjali l-ghaliex kienet gravement jew serjament mhedda minn xi haddiehor fis-sens li jekk ma taghmilx dak li fil-fatt ghamlet, kien sejjer ikun hemm xi konsegwenzi serji jew fatali ghaliha jew ghall-membri tal-familja taghha. Ma jirrizultax sal-grad tal-probabbli, per ezempju, li din kienet xi forza li ghalkemm barranija, u forsi serja jew gravi ukoll, kienet xi forza irrezistibbli. Anzi, il-Qorti tara li l-appellanti

kellha kull cans jew opportunita' li taghmel xi haga, anke l-icken sforz, sabiex tehles minn din il-forza barranija billi taghmel rapport lil xi awtorita' kompetenti, kemm barranija kif ukoll f'Malta. Dan ma ghamlitux. Ghalhekk il-Qorti tara li fil-kaz in ezami din il-linja difensjonali tal-koazzjoni, jew tal-'coercion', ma treggiex, partikolarment ghar-rigward l-incident tal-gurament falz taghha ta' l-4 ta'Novembru, 1996, fl-Injkesta Magisterjali, meta hi kienet ghada appena kemm waslet Malta bid-droga, u allura, ma kienx ghad hemm ebda hjiel ta'bidu ta' xi forza barranija sa dak l-istadju. Jekk kien hemm xi cirkostanzi suspettuzi, dawn sehhew wara li l-appellanti kienet gja' xehdet f'din l-Inkjesta Magisterjali.

Ghalhekk il-Qorti sejra tiddisponi minn dan l-appell ta' Marzouki Hachemi Beya Bent Abdellatif bil-mod segwenti :

1. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha.
2. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet lill-appellanti hatja talli fl-4 ta'Novembru, 1996, halfet falz quddiem Magistrat ai termini ta' l-Artikolu 108 (1) tal-Kodici Kriminali.
3. Tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hatja talli tat xhieda falza fi proceduri kriminali fit-18 ta'Frar, 1997, ai termini ta' l-Artikoli 104 (1) tal-Kodici Kriminali u, ghalhekk, qed tillibera lill-appellanti minn tali akkuza.
4. Tirriforma l-piena mposta mill-ewwel Qorti fuq l-appellanti, u minflok dik il-piena, stante li din il-Qorti qed issibha hatja biss tar-reat ta' gurament falz taht l-Artikolu 108 (1) tal-Kap. 9, tikkundannaha ghall-piena karcerarja ta' sena, bit-tnaqqis ta' kull zmien li din ilha taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.
5. Tikkonferma l-ordni ta'interdizzjoni generali ta' l-appellanti ghall-zmien hames snin.

Aldo Testone

Deputat Registratur